**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 28 – 4 ta’ Marzu 2010**

Il-Kunsill Lokali ta’ Ħaż-Żebbuġ iltaqa’ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta’ filgħaxija u saret Agenda 28. Il-laqgha bdiet fis-6.45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Dominic Cutajar | Viċi Sindku |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | Mario Borg | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| | Rosario Cortis | Kunsillier |
| Skużati: | George Cortis | Kunsillier |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Ghal din il-laqgha kien hemm prezenti is-sur Bernard Buhagiar. | |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta’ Agenda 26 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Ma kienx hemm korrezzjonijiet. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, u Rosario Cortis

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-minuti gew approvati hekk kif prezentati (28).

## 2. ĦWEJJEĠ LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

2.1. Ma tressqu l-ebda punti ghad-diskussjoni.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li fil-jiem ta' qabel kellu laqgha mal-Grupp tal-Gimgha l-Kbira li nfurmawh dwar kaz relatat ma' Haz-Zebbug Jistiednek u huwa kien talabhom jiktbu ittra lill-Kunsill. Is-Sindku spjega li kien se jressaq din l-ittra ghad-diskussjoni aktar tard matul il-laqgha.

## 4. VOT TAL-FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

| **Proposta ta' Vot ta' flus sabiex jigi approvat skond Agenda Nru 28** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| **Lil Min** | **Invoice No** | **Invoice Date** | **Ammont / €** | **Servizz** |
| | | | | |
| Marvic & Sons | 11/2009 | 30/11/09 | 7,667.53 | Gbir ta' Skart Frar 2010 |
| Xuereb Bros | 9 302 662 | 30/11/09 | 3,688.17 | Knis Frar 2010 |
| Roccu Mifsud | 58 | 28/11/09 | 886.66 | Public Conveniences Frar 2010 |
| Wilson Mifsud | n/a | 25/11/09 | 1,504.16 | Tindif Soft Areas Frar 2010 |
| Philip Seguna | n/a | 25/11/09 | 1,908.32 | Tindif Non Urban Frar 2010 |
| Micamed Ltd | 366 - 378 | 25/10/09 | 2,887.22 | Streetlighting maintenance |
| Micamed Ltd | ZBGLC 01-10 | 12/12/09 | 1,139.29 | Shifting of lighting poles Gnine A Debono |
| Med Design Associates | 30003492 | 08/02/10 | 140.00 | Survey of Triq l-Ghasfura |
| Med Design Associates | 30003490 | 08/02/10 | 280.00 | Survey of Triq il-Qubbajt |
| | | | | |
| **Total Skeda A** | | | **20,101.35** | |
| | | | | |
| **Skeda B - Hlasijiet ohra** | | | | |
| | | | | |
| Schembri Infrastructures | 20055-37 | 09/12/09 | 12,502.61 | Works of Triq il-Qubbajt |
| Asfaltar ltd | n/a | | 17,715.76 | Installment on Triq Dun Karm Psaila |
| MIB Insurance Brokers | I00092314 | 26/10/09 | 3,771.17 | Insurance Premium - Traders combined |
| MIB Insurance Brokers | I00092315 | 26/10/09 | 81.53 | Insurance Premium; Electronic equipment |
| MIB Insurance Brokers | I00092316 | 26/10/09 | 492.11 | Insurance Premium; Group personal accident |
| Do it All Ironmongery | 1221 - 1228 | various | 1,887.64 | Ironmongery items |
| B. Grima & Sons | 1623 | 28/07/09 | 1,765.68 | Tabelli u sinjali |
| Bonalco Aluminium Ltd | 19972 | 14/12/09 | 436.07 | Aluminium for boards |
| Coop Services Ltd | 100110 | 30/01/10 | 50.00 | Transport |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Wasteserv Malta Ltd | 53722 | 11/12/09 | 5,839.81 | Tipping fees Nov 2009 |
| Wasteserv Malta Ltd | 52723 | 23/11/09 | 5,770.42 | Tipping fees Oct 2009 |
| Wasteserv Malta Ltd | 54725 | 13/01/10 | 5,684.05 | Tipping fees Dec 2009 |
| Central Joint Committee | CJC010 | 31/01/10 | 3,084.73 | Undercharge incvoice May 2009 |
| Central Joint Committee | CJC259 | 31/01/10 | 4,131.72 | Tribunal services January 2010 |
| Potterware Ltd | 20943, 20969 | 21/10/09 | 1,179.95 | Steert Plaques |
| Silvio's | 1444 | 04/02/10 | 106.20 | Hire of chairs party anzjani xmas |
| Gauci Borda & Co Ltd | 36193 | 11/02/10 | 903.00 | Bnadar |
| Guard & Warden | 1683 | 31/01/10 | 47.52 | Hire of warden |
| Guard & Warden | 1607 | 31/01/10 | 23.76 | Hire of warden |
| Guard & Warden | 1652 | 31/01/10 | 2,740.75 | Speed Cameras Jan 2010 |
| Kazin San Guzepp | 6654 | 04/02/10 | 250.00 | Hire of poles for xmas decorations |
| Austin Muscat | 9938 | 15/02/10 | 243.08 | Granite step - triq il-qubbajt |
| La Barbon | 47 | 24/11/09 | 284.87 | Reception gurament tas-sindku u l-vici sindku |
| La Barbon | 2178, 2176 | 22/12/06 | 2,287.66 | Reception Xmas |
| St. Philip's | 156 | 31/12/09 | 793.00 | Party tal-anzjani |
| Doris Cutajar | n/a | n/a | 390.61 | Librarian Services Nov, Dec 2009 |
| Ta Xmun | 1 | 08/12/10 | 237.48 | fire extinguishers & fire blanket |
| SG Solutions | 2404, 2751, 3325 | various | 50.09 | Photocopier lease |
| Flower power | 3740, 4103, 1115 | various | 350.85 | Order of flowers |
| Enemalta Corporation | various | various | 1,143.87 | Cameras CCTV consumption |
| BSS LTD | 35715 | 29/10/08 | 241.35 | xiri ta' sigar |
| Water Services Corp | 11355757-9 | 06/11/09 | 528.43 | water & electricity bills april - august 2009 |
| JGC Ltd | 99-9 | 14/12/09 | 3,534.95 | play equipment & flooring gnien A. Debono |
| IPSLtd | 2230 | 16/02/10 | 448.69 | Overtime Bernard Buhagiar |
| | | | | |
| **Total Skeda B** | | | **78,999.41** | |
| | | | | |
| **Total zewg skedi** | | | **99,100.76** | |

4.2. Il-Kunsillier Duncan Bartolo gibed l-attenzjoni ghall-pagament tal-Bonalco rigward l-aluminium u talab li jkun jaf x' sar minnu. Il-Kunsillier Emanuel Agius spjega li meta dan l-aluminium beda jinqata sabiex jigu ffurmati l-boards ma bediex jigi pulit u waqqaf ix-xoghol. Issa kien hemm bzonn xi hadd li jaf jaghmel dan ix-xoghol.

4.3. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab iktar informazzjoni dwar il-hlas lill-IPSL dwar overtime. Is-segretarju ezekuttiv spjega kif tahdem is-sistema tal-overtime tal-haddiema tal-IPSL u spjega li dak kien overtime ghax-xahar ta' settembru.

4.4. Is-Sindku Alfred Grixti spjega lill-Kunsill dwar hsarat li kien hemm fil-karozza tas-sur Bernard Buhagiar, liema karozza tintuza ghax-xoghol tal-Kunsill.

Kien hemm qbil li l-Kunsill ihallas dawn il-hsarat. Il-kunsillier Emanuel Agius ikkummenta li ma kienx sew fil-konfront tas-sur Buhagiar li l-kunsill jibqa juza l-karozza tieghu u li kien wasal il-mument li l-kunsill jikkunsidra l-idea li tinxtara vettura.

4.5. Il-Kunsillier Joe Ciantar gibed l-attenzjoni dwar xi pagamenti pendenti ta' La Barbone.

4.6. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex l-iskeda tal-pagamenti tigi approvata hekk kif prezentata. Huwa gie sekondat mill-kunsillier Emanuel Agius. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, u Rosario Cortis

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-pagamenti gew approvati (29).

4.7.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq quddiem il-kunsill kwotazzjoni dwar il-bus shelter tal-pjazza mis-sur Richard Cutajar il-Vici Sindku Dominic Cutajar informa lill-Kunsill li l-persuna kkoncernata kien jigi n-neputi tieghu u ghalhekk skond il-kodici tal-etika kien qieghed jastjeni milli jikkummenta jew jiehu vot dwar is-suggett.

4.7.2. Is-segretarju ezekuttiv spjega l-proceduri li kien ghamel il-kunsill sabiex jigbor il-kwotazzjonijiet ghal dan il-bus shelter.

4.7.3. Is-Sindku Alfred Grixti spjega x' kien id-disinn mitlub mill-kunsill. Wara diskussjoni kien hemm qbil li flimkien mal-kwotazzjoni tinghata spjega iktar dettaljata dwar l-ispecifikazzjonijiet u d-disinn tal-bus shelter.

4.8. Is-Sindku Alfred Grixti pprezenta quddiem il-kunsill kwotazzjoni ghal xoghol ta' fi triq il-Lunzjata. Skond il-kuntrattur ix-xoghol kien jiswa €3,000 sabiex isiru r-rampi biss. Il-Kunsillier Rosario Cortis spjega x-xoghol li kien intalab lill-kuntrattur u kkummenta li l-kwotazzjoni xejn ma kienet dettaljata. Il-Vici Sindku Dominic Cutajar qal li l-kunsill kellu jitlob kwotazzjoni aktar dettaljata. Kien hemm qbil li ssir deskrizzjoni tax-xoghol involut bil-miktub u l-kuntrattur jimxi fuqha.

4.9. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-kunsill li hekk kif gie deciz ingabru kwotazzjonijiet ghall-ghamara tal-ufficju u kien qieghed jipprezentahom

ghall-approvazzjoni tal-kunsill. Is-segretarju ezekuttiv spjega din il-kwotazzjoni. Kien hemm qbil unanimu bejn il-kunsilliera prezenti li tinxtara din l-ghamara.

4.10. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li hekk gie approvat mill-Kunsill, inbdiet hidma sabiex jigi ntrodott software fil-kunsill sabiex tigi registrata l-informazzjoni u jitqassam ix-xoghol bl-iktar mod efficjenti. Is-Sindku ressaq kwotazzjoni ghal dan is-software. Is-segretarju ezekuttiv spjega ahjar kif jahdem dan is-software u l-beneficcji li kien se jgawdi minnhom il-Kunsill. Ix-xiri ta' dan is-software gie approvat b' mod unanimu mill-kunsilliera prezenti.

4.11.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li fil-jiem ta' qabel hu flimkien mal-Vici Sindku u s-segretarju kienu ltaqaw mal-grupp tal-Gimgha l-Kbira. Matul din il-laqgha s-Sindku spjega li l-Kunsill kien kommess li jibqa jghin sabiex il-Gimgha l-Kbira gewwa Haz-Zebbug tigi organizzata bl-ahjar mod possibli. Is-Sindku spjega li matul din il-laqgha l-Grupp tal-Gimgha l-Kbira nfurmaw lill-Kunsill li fl-attivita Haz-Zebbug Jistiednek kienu armaw stand u kien hemm ftehim ghal hlas ta' €750 mal-ex Sindku Brian Bonnici. Is-segretarju spjega li fl-ebda moment qatt ma kien issemma dan il-ftehim mill-ex Sindku u huwa ma kienx infurmat bih u kollox kien sar minn wara dar kulhadd.

4.11.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius ikkummenta li dan kien agir mhux professjonali mill-ex sindku u ma kienx gust kemm fil-konfront tal-kunsill kif ukoll tal-grupp tal-gimgha l-kbira.

4.11.3. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li ghalkemm kien jaqbel lid an ma kienx agir sew mill-ex sindku, huwa kien ihoss li la l-grupp tal-gimgha kbira kienu taw is-servizz u ghamlu l-ispejjez, il-kunsill ghandu jonora l-ftehim li kien hemm. Is-Sindku qal li ma kienx sew li l-grupp tal-gimgha l-kbira jbatu l-konsegwenzi tal-agir tal-ex sindku.

4.11.4. Il-Kunsillier Rosario Cortis ikkummenta dwar il-fatt li affarijiet bhal dawn u ftehim li kien ghamel is-sindku ta' qabel ha jibqaw ifaqsu u l-kunsill jigi affacjat bihom.

4.11.5. Il-Kunsillier Duancan Bartolo qal li jittama li issa ma kienitx se tittiehed drawwa li ghaqdiet jew persuni ivarji jigu jitolbu l-flus bl-iskuza li kellhom fethim mal-ex sindku.

4.11.6. Saret diskussjoni dwar il-prezz mitlub u jekk dan kienx ragjonevoli. Kien hemm ftehim li l-ammont ta' €500 kien ikun iktar ragjonevoli.

4.11.7. Il-Kunsillier Joe Ciantar spjega li l-kunsill kien etikament responsabli ghad-decizjonijet li hadu ta' qablu. Il-Kunsillier Ciantar kompla jghid li l-grupp tal-gimgha l-kbira kellhom jaghmlu invoice lill-kunsill ghas-servizz li nghata.

4.11.8. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li fl-opinjoni tieghu il-grupp tal-gimgha l-kbira kienu genwini fit-talba taghhom. Huwa kompla jghid li jaqbel mal-figura ta' €500, sabiex il-kunsill ma jruxi li qabad u accetta l-ewwel figura li giet prezentata lilu. Il-Kunsillier Mario Borg qal li kien important li l-kunsill jiccertifika li ha l-value for money ghas-somma li se tinghata. Kien hemm qbil unanimu bejn il-kunsilliera prezenti li tithallas din is-somma meta tigi pprezentata l-invoice.

4.11.9. Il-Kunsillier Emanuel Agius qal li jixtieq li jekk jigu kazijiet simili fil-futur il-kunsill ma jintrabatx li jonora dawn il-ftehim.

## 5. PERFORMACE BONUS TAL-IMPJEGATI

5.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li hekk kif titlob il-ligi huwa gie prezentat mis-segretaru ezekuttiv b' rapport dwar il-performance tal-iskrivani filwaqt li huwa kellu jaghmel rapport dwar il-hidma tas-segretarju. Is-Sindku qara l-kontenut tar-rapport.

5.2. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li fl-ahhar snin iz-zewg skrivani dejjem inghataw performance bonus full. Il-Kunsillier Joe Ciantar qal li dan ma kienx minnu u jiftakar drabi fejn dawn ma haduhx full.

5.3. Il-Kunsillier Joe Ciantar qal li fid-dawl li l-kunsill huwa short staffed u qatt ma kien hemm complaints u dejjem hadmu tajjeb huwa kien qed jipproponi li l-performance bonus jinghata full. Huwa gie sekondat mill-Vici Sindku Dominic Cutajar. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, u Rosario Cortis

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-performance bonus taz-zewg skrivani gie approvat li jinghata full (30).

5.4. Is-Sindku Alfred Grixti talab li l-Kunsill jidhol fi stadju ta' kumitat sabiex ikun jista jiddiskuti l-performance bonus tas-segretarju mhux fil-presenza tieghu. Il-Kunsill dahal fi stadju ta' kumitat fit-8.15pm.

5.5. Il-laqgha tkompliet fit-8.20pm.

5.6. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li huwa kuntent hafna bil-hidma tas-segretarju u li minn meta lahaq sindku sab sapport u direzzjoni tajba mis-segretarju. Huwa d-deskriva lis-segretarju bhala persuna onesta u ta' integrita u li jaf xogholu sew u meta jikkunsidra problem li ghandhom sindki ohra mas-segretarji taghhom huwa sodisfatt bil-hidma tas-segretarju tieghu. Huwa ressaq mozzjoni sabiex is-segretarju jinghata performance bonus full. Huwa gie sekondat mill-kunsillier Joe Ciantar. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, u Rosario Cortis

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-performance bonus tas-segretarju ezekuttiv gie approvat li jinghata full (31).

## 6. FULJETT (UPDATE)

6.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li x-xoghol fuq il-fuljett tal-Kunsill kien miexi gmielu u li kien ghad fadal l-artiklu tal-kunsillier Mario Borg.

## 7. BOOKFEST

7.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li kienu saru kuntatti mal-BDL, Miller distributors u Wise Owl publications sabiex jippartecipaw f' din l-inizjattiva. L-BDL u l-Miller kienu ga accettaw filwaqt li Wise Owl riedu jikkonfermaw l-presenza taghhom. Is-Sindku spjega li ghal din l-attivita kienu ha jigu armati tined u jitqasmu xi posters filwaqt li l-qliegh se jmur ghal-librerija tal-kunsill u tal-iskola primarja.

7.2. Il-Kunsillier Joe Ciantar talab li l-kunsilliera jinghataw kopja tal-agreement dwar l-uzu tas-sala tal-iskola.

7.3. Il-Kunsillier Duncan Bartolo nforma lill-Kunsill li l-partecipanti tal-kunsill lokali taz-zghazagh se jkun qed jghinu f' din l-attivita u talab li l-kunsill jipprovdilhom name tags ghall-okkazjoni. Il-Kunsillier Bartolo qal ukoll li pprova jaghmel kuntatt mas sur-David Zammit tal-blood trasnfursion unit izda dan ma rnexxielux jgib xi had biex jiehu d-demm ghal din l-attivita. Il-Vici Sindku Domenic Cutajar qal li kienet hasra minhabba l-fatt li l-Kazin San Guzepp kien diga irreklama fuq il-fuljett tieghu.

## 8. SKEMA GREENPAK

8.1. Is-Sindku spjega li issa li l-Kunsill kien dahal f' din l-iskema gie nnutata zieda kbira fit-tunellagg migbu fl-ewwel gimghat spcejalment fid-dawl tad-diskussjonijiet mas-sidien tal-hwienet. Is-Sindku kompla jispjega li l-pass ta' wara kien l-introduzzjoni tal-bring in sites u li diga kienu identifikati s-siti ghalihom waqt laqgha li saret u li attendew ghaliha l-Vici Sindku Domenic Cutajar u l-kunsillier Rosario Cortis. L-ahhar pass kien it-tqassim tal-boroz fid-djar flimkien ma kampanja edukattiva kostanti. Is-Sindku spjega li kien hem mil-hsieb li ssir press conference relatata mal-launch tal-attivita u li ghaliha jkun mistieden is-segretaju parlamentari l-onorevoli Dr. Chris Said.

## 9. TRAFFIC MANAGEMENT FIL-PJAZZA

9.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill bil-hidma li kienet qed issir fuq l-imanigjar tat-traffiku fil-pjazza. Huwa spjega li bl-ghajnuna ta' Dr. Chris Said u Dr. Austin Gatt kienu qed isiru laqghat mat-transport Malta li bdew ihallu l-frott. Huwa spjega li qieghed isir xoghol sabiex fil-pjazza quddiem iz-zuntier isir timed parking u li jkun hemm tabelli li jindikaw meta jkun hemm xi funeral jew tieg, filwaqt li parking bejn l-iljuni mhux se jkun tollerat. Is-Sindku kompla jghid li se tigi sottomessa applikazzjoni wkoll sabiex bejn is-6.30pm u s-6.30am il-parking madwar l-obelix ikun minghajr restrizzjonijiet. Is-Sindku nforma lill-kunsill li kien hemm talba ukoll ghal litter bins ghal hmieg tal-klieb.

## 10. LAQGĦA MAD-DIRETTORAT TAT-TOROQ TAT-TRANSPORT MALTA

10.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li kienet saret laqgha mas-CEO ta' Transport Malta u li ghaliha attendew ukoll il-Vici Sindku Dominic Cutajar, l-Kunsillier Rosario Cortis u s-segretarju ezekuttiv. Is-Sindku spjega li matul din il-laqgha gew diskussi l-enforcements li kien hemm pending mal-kunsill u affarijiet strategici bhala ma huma l-hrug u d-dhul lejn Haz-Zebbug, l-istat ta' old arterial roads kif ukoll l-procedura gdida dwar reserved parkings temporanji.

10.2. Is-Sindku Alfred Grixti qal ukoll li gie deciz li ssir laqgha mal-ADT fejn jigu spezzjonati s-sinjali li huma bla permess u jigi evalwat dak li jistaw jigu sanzjonati u dawk li le. Gie deciz li jkun hemm kumitat apposta f' isem il-kunsill maghmul mill-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsillier Rosario Cortis u s-segretarju Ezekuttiv.

## 11. ZEBBUGFEST (UPDATE)

11.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li saret laqgha ma' Antonella Vassallo li kienet lesta li tahdem sabiex issib sponsors ghal din l-attivita u li x-xoghol kien qieghed jigi finalizzat f' dan l-aspett.

## 12. ŻJARA TAL-QDUSIJA TIEGĦU PAPA BENEDITTU XVI (UPDATE)

12.1. Is-Sindku Alfred Grixti qal li fuq din iz-zjara kien jinsab f' kuntatt mal-arcipriet sabiex il-papa jinghata l-merhba li jixraqlu meta jghaddi minn Haz-Zebbug. Huwa kompla jghid li xtaq jaghmel medalji kommemorattivi tal-fidda bhala memento ghall-okkazjoni. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li s-Sindku jiccekja dwar dawn il-medalji.

Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li jkun jaf kemm jintefqu flus normalment ghal Gimgha l-Kbira. Il-Vici Sindku wiegeb li normalment jinkrew il-mobile toilets u jkun hemm l-ispiza tas-slaleb.

Il-Vici Sindku Dominic Cutajar informa lill-kunsill li s-sur Guzi Camilleri offra ruhu li jiehu hsieb il-guva li hemm fi gnien l-infetti u dan kien diga beda jaghmel xi xoghol ta' manutenzjoni b' mod volotarju, kif ukoll kien hemm petshop u panel beater li taw donazzjoni ta' ghasafar.

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li rvieva l-ittra tar-rizenja ta' Dr. Peter Micallef minn kunsillier in vista tal-elezzjoni tieghu fil-parlament u ghalhekk kien qieghed jipproponi li l-Kunsill b' mod formali jesprimi l-gratitudni tieghu u kien qieghed jipproponi li ssir ikla mill-fondi tal-kunsilliera ghall-okkazjoni.

## 13. AGGORNAMENT

13.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Ħamis 8 ta' April fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fit-8.45pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Christopher Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |